31 ta' Jannar, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Salvatore Grixti et. *versus* Giorgio Schembri

**Azzjoni Possessorja — Molestja — Art. 571 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Elementi ta' l-azzjoni possessorja ta' manutenzjoni huma l-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobiljari jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobili, il-molestja f'dak il-pussess, u l-eżerċizzju ta' l-azzjoni fi żmien sena mill-molestja. Basta li l-attur ma jkunx ħa f'idejh dak il-pussess minn għand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb minn għandu dak il-pussess b'titolu prekarju.*

*Din l-azzjoni tmiss lil dawk biss li jippossjedu leġittimament; u għandha tiġi eżerċitata kontra l-awtur tal-molestja jew is-suċċessuri tiegħu b'titolu universali, jew kontra min ikun aġixxa fl-interess*

*tiegħu, jew ikun approva l-att. Il-proprjetarju huwa wkoll responsabili għall-atti tad-dipendenti tiegħu.*

*Il-molestja f'sens lat hija kwalsijasi attentat għall-eżerċizzju normali tal-pussess flimkien ma' l-"animus turbandi"; b'mod illi l-molestja mingħajr dak l-animu ma hix komprensibili, u fl-assenza ta' dak l-animu ma tistax teżisti turbativa.*

*Fl-eżerċizzju ta' l-azzjoni possessorja huwa leċitu li jkunu eżibiti dokumenti jew titoli traslativi tal-proprjetà li bihom tista' tirriżulta esklużi xi waħda mill-kondizzjonijiet neċessarji għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni; imma dan ikun qiegħed isir mhux biex isir l-eżami ta' dawk id-dokumenti in konnessjoni ma' l-effikaċja jew l-effetti tagħhom ġuridiċi, imma sempliċement għall-prova li minnhom tista' titnissel sabiex l-att li jkun ġie magħmul ikun jista' jiġi, jew ma jiġix, kwalifikat bħala molestja.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi, wara li ppremettew li l-konvenut f'Jannar tas-sena korrenti waqqa' ħajt mill-ħenza formanti parti mill-għalqa msejħa "Tal-Qadi", limiti taż-Żurrieq, il-lum ta' Birżebbuġa, fil-kuntrada ta' Hal Far, u beda jidħol fiha, u b'dana l-mod ikkommetta spoll u molestja tal-pussess tagħhom li huma l-proprjetarji ta' l-imsemmija għalqa; u billi non ostanti l-protest tal-21 ta' Mejju 1947, il-konvenut ma reġax poġġa l-ħajt kif kien (dok. A); talbu li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat jirrikostruwixxi l-ħajt u jerġa' jpoġġi kollox fl-istat oriġinali, fitterminu li jiġi prefiss minn din il-Qorti; u in difett, huma jiġu awtorizzati jagħmlu x-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex ipoġġu l-ħajt kif kien, a spejjeż tal-konvenut; salv id-dritt għad-danni skond il-liġi; u li b'dana l-mod l-atturi jiġu manutenuti fil-pussess tagħhom. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk talprotest tal-21 ta' Mejju 1947, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-attijiet tal-kawża u mill-provi jidher li l-kawża in kwistjoni hija bażata fuq l-azzjoni possessorja ta' manutenzjoni; u li skond l-art. 571 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 23, Edizzjoni Riveduta, tirrikjedi għall-eżerċizzju tagħha (1) il-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobili, jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobili, (2) il-molestja f'dak il-pussess, (3)

u li min ikun molestat imexxi 'l quddiem l-azzjoni tiegħu fi żmien sena mill-molestja u jitlob li jinżamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ħa f'idejh dak il-pussess minn għand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb minn għandu dak il-pussess b'titolu prekarju;

Illi dina l-azzjoni, konoxxuta bħala l-"actio retinendae possessionis", tispetta lil dawk biss li jippossjedu leġittimament; u għandha tiġi eżerċitata kontra l-awtur tal-molestja jew is-suċċessuri tiegħu b'titolu universali, jew kontra min ikun aġixxa fl-interess tiegħu jew ikun approva l-att. Il-proprjetarju huwa wkoll responsabili għall-atti tad-dipendenti tiegħu;

Illi l-molestja, "lato sensu", hija kwalsijasi attentat għall-eżerċizzju, biex ngħidulu hekk, normali tal-pussess, imma fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, ma hux il-fatt materjali biss li jikkostitwixxi l-molestja, imma anki l-"animus turbandi", ċjoè, fi kliem ieħor, il-pretiża tal-pussess li hu ta' ħadd ieħor, kif jgħid Ulpiano fil-framment 3 §1, Dig. uti poss. 43, 17:— "Etenim videris mihi possessionis controversiam facere, qui prohibes me uti mea possessione". Fil-fatt, tabilħaqq, jingħad li molestja bla dak l-iskop hija ħaġa inkomprensibili, u fl-assenza tiegħu ma tistax tkun teżisti turbativa;

Tikkunsidra;

Illi għal dak li jista' jingħad, huwa ta' min isemmi illi fil-kawża odjerna l-atturi ppreżentaw xi dokument bil-miktub sabiex isostnu d-drittt tagħhom; imma apparti li dawk id-dokumenti ġew preżentati biss, u ġiet permessa mill-Qorti l-preżentata tagħhom "ad colorandam possessionem", huwa leċitu, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, fl-eżerċizzju ta' l-azzjoni possessorja, li jkunu eżibiti dokumenti jew titoli traslativi tal-proprjetà li minnhom jistgħu jiġu rikavati anki provi u argumenti validevoli sabiex tiġi stabbilita jew eskluża xi waħda mill-kondizzjonijiet neċessarji għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni "de quo dicimus"; u dana jkun qiegħed isir mhux biex isir l-eżami ta' dak id-dokument in konnessjoni ma' l-effikaċja jew l-effetti tiegħu ġuridiċi, imma sempliċement fuq il-prova li minnu tkun tista' titnissel sabiex l-att li jkun ġie magħmul ikun jista' jikkwalifika ruħu, jew ma jikkwalifikax ruħu, bħala molestja jew spoll għall-finijiet tar-rispettivi azzjonijiet possessorji;

Tikkunsidra;

Illi fil-każ in diżamina, il-provi juru li l-qata' żgħira li l-atturi jippretendu li għandhom il-pussess leġittimu tagħha, u li l-konvenut jammetti li fi żmien sena qabel iċ-ċitazzjoni iddemolixxa l-ħajt tagħha sabiex iwassa' t-triq tal-wied bejn l-artijiet "Tal-Qadi" u dawk "Tal-Qliema", rispettivament ta' proprjetà u fil-pussess ta' l-atturi u l-konvenut, u konfinanti ma' xulxin, fil-kuntrada msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, fil-fatt, skond il-maġġuranza tax-xhieda, kienet tagħmel ma' l-artijiet "Tal-Qliema", anzikkè ma' dawk "Tal-Qadi"; u meta l-atturi xtraw l-artijiet "Tal-Qadi" ammettew li qatt ma daħlu fiha u ħadmuha, u lanqas qatt daħħlu ebda qbiela, jew eżerċitaw fuqha ebda pussess. It-titolu li huma ppreżentaw sabiex jikkuluraw il-pussess tagħhom ma sostnewhx lanqas, għal dak il-fini, kif jidher mid-depożizzjoni tal-Prof. Galea li fuq relazzjoni tiegħu sar dak l-att;

Illi kwindi, fl-assenza ta' waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-eżerċizzju ta' l-azzjoni "de quo", li huwa l-pussess leġittimu, l-azzjoni ma hijiex sostenibili; u dan apparti l-fatt ukoll li, in konsegwenza, loġikament fl-att tal-konvenut jiġi jonqos l-element intenzjonali li jista' jikkostitwixxi fl-att tiegħu dik it-turbativa jew molestja li trid il-liġi sabiex ikun hemm din l-azzjoni;

Illi dwar l-ispejjeż jingħad.............;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.